MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 236/2012

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ippremetta illi:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fir-Registru taz-Zwigijiet fit-18 ta' Frar 2004.

2. Illi l-kunsens tal-esponenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

3. Illi il-kunsens tal-intimat kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

4. Illi l-kunsens tal-esponenti inkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt tal-att taz-zwieg.

5. Illi l-intimat, ghalkemm ma kienx interdett jew marid b'mohhu ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg ukoll minhabba raguni temporaneja setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza biex iz-zwieg esistenti bejn il-partijiet jigi dikjarat null ghall-finijiet kollha tal-Ligi.

Ghaldaqstant l-attrici talbet lil din il-Qorti:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat mill-kontendenti kif aktar 'il fuq riferit huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Rat il-lista tax-xhieda u n-nota ta' dokument tal-attrici.

Rat li l-konvenut gie notifikat izda baqa' ma pprezentax risposta guramentata.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**Provi**.

Fix-xhieda taghha[1] l-attrici spjegat li madwar ghaxar snin ilu kienet giet Malta ghal btala. Waqt il-mawra taghha hawn Malta kienet iltaqghet mal-konvenut u bdew jifrekwentaw lil xulxin. Madwar xahar u nofs wara ftehmu li jizzewgu, ikkontrattaw zwieg civili fit-18 ta' Frar 2004 u bdew jghixu taht saqaf wiehed.

L-attrici tispjega li l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet kienet mimlija diffikultajiet prattikament mill-ewwel granet. Tispjega li l-konvenut ma kienx jahdem u lilha ma ridhiex tohrog tahdem. Tghid li kienu jghixu bl-assistenza socjali li kien jircievi l-konvenut u l-ghajnuna finanzjarja li membri tal-familja taghha kienu jibghatulha mill-esteru. Hija tghid li l-konvenut qatt ma kien jghinha finanzjarment u kienet kostretta tghix bl-ghajnuna finanzjarja li jibaghtulha tal-familja.

L-attrici sostniet li billi hija kienet izzewget lill-konvenut, ir-rata ta' assistenza socjali li kien gia' jircievi l-konvenut kienet zdiedet. Naturalment kieku harget tahdem u jkollha paga decenti l-assistenza socjali mhallsa lill-konvenut kienet tieqaf.

L-attrici spejgat ukoll li wara li zzewget lill-konvenut hija kienet skopriet li kien taht kura kontra l-vizzju tad-droga peress li kien qieghed jiehu l-metadone. Dan kien xokk ghall-attrici ghaliex qabel ma zzewget lill-konvenut tghid li ma kellhiex suspett fih li kien miss mad-droga.

Ghalkemm l-iskop tal-attrici li tizzewweg lill-konvenut kien li mieghu trabbi familja, beda jirrizultalha maz-zmien li dan ma kienx il-hsieb tal-konvenut. Meta l-attrici ikkonfrontatu li riedet tifforma familja bi tfal huwa irrifjuta.

L-attrici spjegat li ma setghatx tghix ma' ragel li filwaqt li ma qalla xejn qabel iz-zwieg, ghamililha cara zmien wara li zzewgu li ma riedx tfal. Ghall-attrici dan ma kienx accettabbli u ssostni li zwieg bejniethom qatt ma kien hemm peress li l-konvenut ma kellu l-ebda hsieb li jifforma familja mal-attrici.

---

[1] Fol. 26 et. seq.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet**.

Fil-fehma tal-Qorti kien hsieb legittimu tal-attrici illi wara li jizzewgu l-partijiet ikollhom it-tfal.

**Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi illi zwieg huwa null jekk jirrizulta illi l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Il-prokreazzjoni hija aspettativa legittima ta' hafna minn dawk li jizzewgu. Ghalkemm l-infertilita' tar-ragel jew tal-mara, a differenza tal-impotenza pre-nupzjali, mhijiex raguni wahedha biex zwieg jigi annullat, l-eskluzzjoni ta' konjugi li ma jkollux tfal tul iz-zwieg kollu meta jaf li martu trid it-tfal jivvizzja l-kunsens.

Appena huwa necessarju jigi sottolineat illi zwieg minghajr tfal b'rizultat ta' infertilita' ta' xi wahda mill-partijiet, jew tat-tnejn, huwa zwieg validissimu. Izda meta konjugi, minghajr ebda problema medika fir-rigward tal-prokreazzjoni tal-ulied, jaghmel il-hsieb li ghat-tul kollu taz-zwieg ma jkollux tfal, tali agir jammonta ghal agir frawdolenti fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra, liema agir frawdolenti jivvizzja l-kunsens u jirrendi z-zwieg null u bla effett fil-ligi.

Ghalkemm il-konvenut ma xehedx f'dawn il-proceduri, allavolja kellu kull opportunita' li jaghmel dan, jirrizulta mill-provi skarsi li tresqu illi dan il-hsieb tieghu li ma jkollux tfal matul iz-zwieg immanifestah mill-ewwel wara z-zwieg tant li kien jiehu prekawzjonijiet sabiex l-attrici ma tohrogx tqila.

F'dan ir-rigward ghandu jinghad illi ghalkemm jista' jkun hemm ragunijiet validi ghaliex koppja fiz-zwieg tipposponi z-zmien li jkollhom l-ulied, il-fatt li l-konvenut f'dan il-kaz

ma qal xejn lill-attrici qabel izzewgu bl-intenzjonijiet tieghu fir-rigward u l-hsieb tieghu immanifestah biss wara li gie celebrat iz-zwieg tal-partijiet, jirrendi l-kunsens tieghu ghaz-zwieg vizzjat b'tali mod li jwassal ghall-annullament taz-zwieg.

Raguni ohra ghaliex il-kunsens kien vizzjat hi n-nuqqas tal-konvenut li javza lill-attrici bil-problemi li kellu relatati mal-konsum tad-droga. Skont il-verzjoni tal-attrici li ma gietx kontradetta, hi skopriet bil-problemi tal-konvenut relatati mal-konsum tad-droga wara li kienu izzewgu u mhux qabel. Skont l-attrici l-iskoperta ta' dan il-fatt wara li zzewgu kien ukoll il-kagun ta' hafna problemi bejniethom tant li il-glied bejniethom kien frekwenti.

Tenut kont li rrizulta li z-zwieg ser jigi dikjarat null b'rizultat ta' agir imputabbli esklussivament lill-konvenut, ikun gust li l-ispejjez tal-kawza ghandu jaghmel tajjeb ghalihom l-istess konvenut.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' t-talba attrici u tiddikjara li z-zwieg civili ikkuntrattat bejn il-partijiet fit-18 ta' Frar 2004 huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 (1) (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna sabiex issir l-annotazzjoni relativa fl-att taz-zwieg tal-partijiet fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------